MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2003

Numru. 483/2003

Il-Pulizija
(Spettur Kevin J Farrugia)
vs
Alston Abdilla

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Alston Abdilla, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 527384(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli bejn il-25 u 28 ta' Mejju, 2003 gewwa Birkirkara u f'inhawi ohra f'dawn il-gzejjer :

(1) ikkommetta serq ta' accessorji tal-vettura apparat tal-Hi Fi minn go vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAF149, ghad-dannu ta' Anita Muscat li ghandha numru tal-karta tal-identita 0406784(M), liema serq hu ikkwalifikat bil-hin, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-artikoli 261, 267, 270 u 271(g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) xjentement laqa ghandu jew xtara, hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal sabiex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti, ai termini tal-Artikolu 334(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) bhala persuna ikkundannata u bhala prigunier iehor harab mill-habs jew mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuni inkarigati mill-kustodja tieghu, dik ta' PS1393 u PC1239 u dan ai termini tal-Artikolu 151 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) U aktar talli naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija, dik ta' PS1393 u PC1239 u dan waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma halliex jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom u dan ai termini tal-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni issibu hati tat-tieni, it-tielet u r-raba' akkuzi wara illi rat l-Artikoli 261 (c), 261(f), 261(g), 267, 270, 271, 279, 280, 334, 151 u 338(ee) u 17, 20 u 21 tal-Kap. 9;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara illi l-hati ghadu kif sab impieg fiss, jahdem bhala labourer fix-xoghol tat-toroq u jidher illi jrid jaqbad it-triq it-tajba.

Semghet ukoll illi l-oggetti misruqa jinsabu ghand il-pulizija.

Ghalhekk il-Qorti sejra taghtih din l-ahhar opportunita sabiex jirriforma hajtu, u wara li rat ukoll l-Artikolu 7 tal-Kap. 446, filwaqt ili tikkundannah ghall-multa ta' LM200, qeghda taghmel ordni ta' probation li permezz tieghu il-hati ghandu ikun taht is-sorveljanza ta' Ufficjal tal-probation li ghandu jinhatar mid-Direttur Servizzi tal-Probation ghall-prejodu ta' tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi spjegat lill-hati bil-konsegwenzi kollha ta' din is-sentenza.

Il-Qorti takkorda lill-hati fuq talba tieghu stess, sena zmien millum ghall-hlas tal-multa, b'dan illi ghandhom japplikaw

id-disposizzjonjiet tal-Artikolu 14 tal-Kap. 9 jekk il-hati jonqos anke milli jhallas pagament wiehed.

Il-Qorti tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni peress illi, una volta irrizulta ir-reat ta' ricettazzjoni, ma jistax ukoll jirrizulta ir-reat ta' serq.

--------------------------------TMIEM--------------------------------